## Talba lil Ġesù Sagramentat



F'kull bżonn li jkolli, ħallini niġi għandek bl-umiltà u bil-fiduċja, u ngħidlek: "Ġesù, għinni".

Ġesù, għinni fid-dubji, inċertezzi u tentazzjonijiet.

Ġesù, għinni kull meta nħossni waħdi, għajjien u f'sitwazzjonijiet diffiċli.

Ġesù, għinni meta nara l-pjan tiegħi u t-tamiet tiegħi jfallu u jinbidlu b'diżappunt u għali.

Ġesù, għinni meta ħaddieħor jonqosni.

Ġesù, għinni meta nħoss qalbi maqtugħa għal kollox fil-falliment, meta nara li l-isforzi tiegħi kollha jisfaw fix-xejn.

Ġesù, għinni meta nħossha tonqosni l-paċenzja u s-salib tiegħi nħossu tqil wisq.

Ġesù, għinni meta nkun marid, u rasi u jdejja ma jistgħux jaħdmu aktar, u nħossni abbandunat.

Ġesù, għinni ħalli nerħi ruħi fl-imħabba kbira tiegħek, bħala missier u salvatur.

Dejjem, dejjem minkejja d-debulizzi, waqgħat u nuqqasijiet ta' kull xorta: "Ġesù għinni u tinsieni qatt".

### Laqgħat tal-*Praesidium* f'Ħad-Dingli għan-nisa u rġiel

**Jum**: Kull nhar ta' Erbgħa

**Ħin**: 4:45 pm

**Post**: Fiċ-Ċentru Parrokkjali





Fuljett maħruġ mill-Praesidium

**Marija Mtellgħa s-Sema**
**Ħad-Dingli**

Jiena kollni tiegħek, Sultana u Omm tiegħi

**Leġjun ta' Marija**

**Ħarġa Nru. 7**
**2024**



## STABAT MATER DOLOROSA: WIEQFA KIENET, IMBIKKIJA, L-OMM ĦDEJN BINHA FIT-TBATIJA

Din is-sena, ix-xahar ta' Marzu ser ikun ikkaratterizzat sew-wa mir-Randan, u għalhekk ma tonqosx li waqt li fit-talb liturġiku u anke fit-talb personali, jkollna l-istedina qawwija li nagħrblu lilna nfusna u nagħrfu l-ħtijiet tagħna. U dan kollu jeħtieġ nagħmluh fl-isfont tal-ħniena li Alla wera magħna bl-ubbidjenza sħiħa ta' Ibnu, Kristu Ġesù, "**li ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir; sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem; ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib...**". (Fil. 2:6-8).

Ejjew nagħrfu li anke hawn, ma tonqosx il-figura ta' Sidtna Marija li takkumpanjana f'dan iż-żmien, u li fl-Innu-Sekwenza – Stabat Mater Dolorosa - Wieqfa kienet imbikkija, insibu meditazzjoni qawwija li ta' min niddedikaw il-ħin għaliha, niggustaw sewwa, u ngħożżuha bis-sħiħ:

| | |
|---|---|
| **1. Wieqfa kienet, imbikkija,<br>l-Omm ħdejn Binha fit-tbatija,<br>fuq salib imdendel.** | **2.Ta' din l-Omm il-qalb maqsuma<br>f'dak l-imrar bl-uġigħ mitmuma,<br>nifed sejf in-niket.** |
| **3. Kemm tbatija f'qalb muġugħa,<br>liema dwejjaq li jifnuha<br>ħasset l-Omm imbierka!** | **4. X'weġgħa ġarrbet u x'kefrija<br>meta ratu fit-tbatija<br>l-Omm lil Binha, Alla!** |
| **5. Qalb kull bniedem tħoss għaliha<br>lil Omm Kristu, u kemm tibkiha<br>x'ħin tarah f'dil-ħasra!** | **6. Min ma jħossx id-dwejjaq tagħha<br>x'ħin ta' Kristu l-Omm jilmaħha<br>f'niket kbir ma' Binha?** |
| **7. Għad-dnubiet tal-poplu l-ħati,<br>lil Ġesù hi ratu jbati<br>taħt is-swat bla ħniena.** | **8. Rat lil Binha u baqgħet miegħu<br>f'dak l-imrar tal-mewta tiegħu<br>waqt li ħarġet ruħu.** |

*(ikompli f'paġna 2)*

| | |
|---|---|
| **9.Omm u għajn ta' mħabba għalija,<br>ġiegħelni nħoss dik it-tbatija,<br>biex jien nibki miegħek.** | **10. Kebbes f'qalbi nar ta' mħabba,<br>la tħalliha qatt tittabba'<br>imħabbti għal Kristu.** |
| **11. Omm qaddisa, isma' talbi:<br>dawk il-pjagi qegħedli f'qalbi<br>t'Ibnek Ġesù msallab.** | **12. Aqsam miegħi dit-tbatija<br>għal Ġesù, li mħabba fija<br>xerred demmu kollu.** |
| **13. Ħdejn Ġesù nibki dnubieti,<br>fis-salib nara ħtijieti<br>sakemm ngħix dil-ħajja.** | **14. Kemm nixtieqni nibqa' miegħek<br>mas-salib, u fid-dmugħ tiegħek<br>nissieħeb minn qalbi.** |
| **15. Verġni mbierka, Omm qalbiena,<br>uri miegħi din il-ħniena,<br>biex inħoss l-indiema.** | **16. Mewt Ġesù qegħedli quddiemi<br>fuq il-pjagi jkun biss kliemi<br>u l-Passjoni tiegħu.** |
| **17. Ġiegħelni nħoss il-pjagi fija,<br>is-salib u kull tbatija,<br>u nissaffa b'Demmu.** | **18. Verġni mbierka, ieqaf miegħi<br>f'Jum il-Ħaqq, biex fit-tmiem tiegħi<br>fin-nar qatt nintilef.** |
| **19. Bis-salib fit-triq wennisni,<br>u b'mewt Ibnek, Omm, ħarisni,<br>Żommni sħiħ fil-grazzja.** | **20. Meta jmut dal-ġisem fqajjar,<br>agħmel int li jien nittajjar<br>lejn is-sebħ tal-Ġenna. Ammen.** |

Dan l-innu jidher li nkiteb fis-seklu XIII u l-awtur tiegħu jista' jkun jew il-patri Franġiskan Jacopone da Todi (ċ.1230-1306), jew il-Papa Innoċenz III (1216). Spiss ġie attribwit lill-ewwel wieħed, iżda dan ġie kkontestat bil-qawwi bis-sejba tal-ewwel kopja notata tal-Istabat Mater fi gradwal li jappartjeni lis-sorijiet Dumnikani f'Bologna. (Museo Civico Medievale MS 518, fo. 200v-04r).

Biss jidher li kien magħruf sew sa' tmiem is-seklu XIV, u Georgius Stella kiteb dwar l-użu tiegħu fl-1388, filwaqt li storiċi oħra jiktbu dwar l-użu tiegħu aktar tard fl-istess seklu. Biss il-Konċilju ta' Trento (1545-1563) ssoprima l-użu ta' din is-sekwenza liturġika, flimkien ma' mijiet ta' sekwenzi oħra, iżda mbagħad kienet irrestawrata għall-missal mill-Papa Benedittu XIII fl-1727 għall-Festa tas-Seba' Duluri ta' Marija, li bdiet tiġi ċċelebrata nhar il-15 ta' Settembru.

Għalhekk nistedinkom bis-sħiħ sabiex dan l-innu ikun wkoll talba speċjali għalina, inħalluh jakkumpanjana tul ir-Randan u li ta' spiss nagħrfu ntennu:

**Omm qaddisa, isma' talbi:<br>dawk il-pjagi qegħedli f'qalbi<br>t'Ibnek Ġesù msallab.**

Kan. David Farrugia
Arċipriet



San Mattew jiddeskrvi lil San Ġużepp bħala raġel ġust. Ġust għax tant kien ħanin ma' Marija li ma riedx li tkun akkużata b'adulterju, ma riedx ixandarha ma' kulħadd. "*Ġużeppi, meta qam, għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej, u ħa lil martu għandu. Imma baqa' ma għarafhiex sa' ma kellha iben, u semmieh Ġesù għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom*" (Mt:1:24-2).

Għalkemm Ġużeppi ma kellu l-ebda sehem fit-tnissil ta' Ġesù huwa ma ġiex imċaħħad mill-awtorità ta' missier għaliex skont l-anġlu tal-Mulej "*Hi se jkollha iben, u **inti** ssemmih Ġesù*" (Mt:1:21). B'hekk wera x'se tkun il-missjoni tat-tfajjel Ġesù bħala feddej. Tajjeb ngħidu li fiż-żwieġ ta' Marija u Ġużeppi ma kien hemm xejn nieqes f'dak li hu żwieġ: "*Kull ġid li joħroġ minn żwieġ: l-ulied, il-fedeltà, is-sagrament - insibuh fiż-żwieġ tal-ġenituri ta' Ġesù: **l-ulied**: il-Mulej Ġesù hu l-iben; **Il-fedeltà**: kien nieqes l-adulterju; **is-sagrament**: ma kienx hemm divorzju*" (S. Wistin, *De nuptiis et concupiscentia,* I, 11, 13; ara *Contra Iulianum,* V, 12, 46).

Is-skiet ta' San Ġużepp ma kienx skiet bla ħsejjes - ħiemed imma skiet bl-għemil. Skiet profond li mela qalb Ġużeppi bil-Grazzja t'Alla. U għax is-skiet ta' San Ġużepp kien spiritwali huwa kiber ħafna fil-virtujiet fil-ħajja spiritwali tiegħu.

Il-Papa Franġisku jinnota "*Kulħadd jista' jsib f'San Ġużepp, il-bniedem li jgħaddi mingħajr ħadd ma jagħti kasu, il-bniedem tal-preżenza fil-ħajja ta' kuljum, diskreta u moħbija, interċessur, għajnuna u gwida fil-waqtiet iebsin. San Ġużepp ifakkarna li dawk kollha li jidhru moħbija jew fit-"tieni post" għandhom protagoniżmu li m'hemmx ieħor bħalu fl-istorja tas-salvazzjoni. Għalihom kollha din il-kelma ta' rikonoxximent u ta' gratitudni.*" (Patris Corde, n.3)



# Raġel Ġust u s-Skiet ta' San Ġużepp

***Kitba ta' Joseph Muscat***

San Ġużepp fl-ubbidjenza siekta tiegħu wera b'mod l-aktar dinjituż u erojku imma b'umiltà kbira, l-offerta tiegħu f'imħabba kbira lejn il-Messija. Hu ta' qalbu u ħajjtu għal Ġesù u Marija. San Ġużepp kien twajjeb ma' martu Marija u bastun ħanin għal ibnu Ġesù fl-osservanza tar-rieda t'Alla. Il-bniedem sieket mimli bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu baxxa rasu għar-rieda t'Alla biex ikun il-missier ta' Ġesù, għalkemm mhux il-missier naturali, u r-raġel ta' Marija. It-teologu Leonardo Boff fil-ktieb tiegħu "*Giuseppe de Nazaret Uomo Giusto, Carpentiere*" ikompli iqawwi r-rwol ta' San Ġużepp għal ibnu Ġesù u jgħolli l-paternità ta' San Ġużepp bħala "**missier spiritwali, missier Davidiku, missier puttativ, missier legali, missier adottiv, missier matrimonjali, missier nutrittiv, missier funżjonali, missier edukattiv, missier verġinali, missier Messjaniku, missier ippresonafikat**".

Dan juri kif Ġużeppi huwa l-kap ta' din il-Familja Qaddisa. Huwa qeda l-missjoni tiegħu bħala missier u kumpann fiż-żwieġ ma' Marija. San Ġużepp ħares sewwa ż-żwieġ tiegħu ma' Marija bħala patt ma' Alla *(Lev. 18)* aktar milli kuntratt skont il-mentalità Lhudija. L-ordnijiet kien jeħodhom biss mingħand Alla sabiex jgħix u jagħmel ir-rieda t'Alla u biex jgħix din ir-realtà għex il-fidi b'mod l-aktar ubbidjenti. San Ġużepp għex il-ħajja miżżewwġa tiegħu ma' Marija u fil-qadi u fl-edukazzjoni lejn binhom fil-qdusija bla ma qatt joffendu lil Alla fil-ħajja tagħhom.

(*ikompli f'paġna 11*)





## San Ġużepp

Ix-xahar ta' Marzu huwa ddedikat lil San Ġużepp. Tajjeb li nżommu f'moħħna li mill-qaddisin kollha, Maria biss tiġi qablu għax hi Omm Kristu. Ġużeppi ġie magħżul biex ikun kemm bħala r-raġel ta' Marija kif ukoll l-missier puttativ ta' Ġesù. Kellu kemm ix-xorti li jgawdi lil Ġesù mit-twelid sa' qabel ma' ħareġ jippriedka madwar 30 sena sħaħ, kif ukoll ir-responsabiltà li jmantni u jħares l-Familja Mqaddsa. Ġużeppi kellu d-dritt li jmexxi l-familja tiegħu kif titlob il-liġi. Hu kellu l-awtorità li jagħti l-identità lil iben Marija billi jagħtih isem u r-razza ta' min hu f'din l-art. Billi Ġużeppi kien ġej mir-razza tas-Sultan David, Ġesù seta' jwettaq l-profezija li qal Alla lil David "Wieħed minn nislek għad isaltan għal dejjem". Mela kien bis-saħħa ta' l-identità ta' Ġużeppi li Ġesù ħa l-identità tiegħu fuq din l-art.

Bħala l-kap tal-familja, Ġużeppi kellu s-setgħa li jikkmanda u jmexxi daru fl-istess ħin kellu l-jedd li jirċevi imħabba u rispett. Bla dubju f'din il-familja kienet tirrenja armonija sħiħa. Dan għax kollha kemm huma kellhom ir-rieda tagħhom marbuta mar-Rieda tal-Missier Alla.

Fl-evanġelju ma nsibu l-ebda kelma li ħarġet minn fomm Ġużeppi, mhux għax kien mutu imma għax kellu riverenza lejn Marija u binha Ġesù. Anke meta Ġesù ntilef fit-tempju, Ġużeppi ħalla f'idejn Marija biex tikkoreġi lil binha talli ħallihom iffitxuh tlett ijiem.

Minn San Ġużepp nitgħallmu l-lejaltà u l-imħabba lejn il-familja u l-fiduċja sħiħa f'idejn il-providenza t'Alla.

**Albert Sammut**
**President**

# Orfni

***Kitba ta' Joseph Muscat***



Missier, kemm drabi u drabi meta tari fiż-żmien, ħassejtni qed ngħix qalb ġonna sbieħ mimlija fjuri. Kemm drabi u drabi ħassejt iż-żiffa ħelwa titmewweġ ma' xagħri. Kemm drabi stħajjilt il-fomm imriegħed tal-omm jistqarr imħabba mtennija, kemm drabi ħassejt it-tgħannieqa, il-bewsa sħuna.

Imma quddiem tarbija mitluqa minn ommha dan kollu sar bħal daħna tisfuma fis-smewwiet u tgħib bħal qatt ma kien xejn. Quddiem tarbija mgeżwra mitluqa, għebu l-mumenti ta' mħabba. Għebu wkoll l-omm u l-missier, ħarbu, abbandunaw frott imħabbithom. Tarbija mxennqa għal kenn tal-omm u l-missier saret issa waħda fost il-ħafna oħrajn.

U ħarist madwari, Missier, u rajt trabi u trabi. U fuq kull wiċċ ilmaħt vojt kbir, għajnejn miksura. Stħajjilthom jistaqsu "fejn hi ommi, fejn hu missieri?" U mxejt b'pass tqil u f'qalbi tħassibt.

Missier, għadni niftakar fid-dmugħ ta' koppja żgħażuha f'riġlejk jistennew tarbija li qatt ma setgħet titnissel fil-ġuf. U hawnhekk tfal mitluqa minn dawk li darba twaħħdu fl-imħabba. Missier, quddiem din ir-rejaltà inħossni nitħawwad. Qalb li taf tħoss u tħobb, titbikkem, u d-dmugħ iġelben. Forsi ma tħossx xejn dik l-omm li taħt qillet ix-xemx tal-egoizmu tgħalaq qalbha għal dik il-ħlejqa innoċenti? Ġisem minn ġisimha u demm minn demmha?

U ġrejt f'riġlejk Missier bħal tfajjel bla omm u missier u tlabtek bil-ħniena.



## PARAMENTI SAGRI

## IL-ĦWEJJEĠ LI JUŻA S-SAĊERDOT WAQT IL-QUDDIESA : ilwien liturġiċi

Fl-użu tal-Paramenti Sagri, il-Liturġija tal-Knisja Kattolika tinqeda b'diversi lwien, skont il-festa li tkun qiegħda tiġi ċċelebrata u skont iċ-ċirkostanzi u ż-żmien li fihom issir l-azzjoni Liturġika.

Anke qabel ma' ġie Kristu fid-dinja, l-Abjad, l-Aħmar, l-Ikħal u l-Vjola kienu l-erba' kuluri Liturġiċi wżati għall-purtieri tas-Santwarju u għall-ilbies tas-Saċerdot tat-Tempju.



l-**Abjad** huwa sinjal ta' ferħ, tas-safa u l-qdusija jew ta' setgħa u majestà sopranaturali. Il-lewn Abjad, li huwa simbolu tas-safa u tad-dawl tal-qdusija, jintuża fil-festi tal-Milied u tal-Għid, u f'dawk tal-Madonna, tal-Anġli u tal-Qaddisin li ma kienux martri.



L-**Aħmar** jindika d-demm li kien meqjus bħala simbolu tal-ħajja, id-dnub, il-gwerra u l-ħerba. L-Aħmar, simbolu tal-imħabba u taċ-ċarċir tad-demm, jintuża fil-Ġimgħa l-Kbira, f'Għid il-Ħamsin u fil-festi tal-Qaddisin martri.



L-**Aħdar**, kulur tar-Rebbiegħa, ifisser it-tama fil-wegħdiet t'Alla u fil-ħajja ta' dejjem u jiġi wżat fil-Ħdud u fil-ferji ta' matul is-sena barra mill-Avvent, Randan u ġranet ta' wara l-Għid.



Il-**Vjola** u l-porpra kien emblema tas-slaten u tas-setgħa tad-dinja kif ukoll tal-ġid materjali. Il-Vjola huwa sinjal ta' penitenza u ta' niket. Jintuża fi żmien tal-Avvent u tar-Randan kif ukoll fiċ-ċelebrazzjonijiet penitenzjali. Fil-Quddiesa tal-mejtin, l-Iswed kien sinjal ta' vistu, u ta' xi telfa jew diżastru. Fejn ma jintużax l-**Iswed**, jintlibsu paramenti ta' lewn Vjola.

L-**Ikħal** li huwa l-kulur tas-sema, kien jidher ħafna fil-libsa tas-Saċerdot il-Kbir, li kien meqjus bħala rappreżentant t'Alla fuq l-art.

# L-ACIES



Fis-sistema tal-Leġjun id-devozzjoni lejn Marija hija importanti. Għalhekk kull sena għandha ssir il-konsagrazzjoni tal-leġjunarji lil Sidtna Marija. Il-konsagrazzjoni, li għandha tkun sew individwali kif ukoll kollettiva, issir fil-**25 ta'Marzu, jew f'jum ieħor qrib dik id-data,** u tkun magħrufa bħala l-***Acies***.

Din il-kelma bil-Latin, li tfisser armata lesta għat-taqbida, tixraq lil ċerimonja li fiha l-leġjunarji bħala korp jinġabru biex iġeddu l-fedeltà tagħhom lejn Marija, is-Sultana tal-Leġjun, u biex jilqgħu minn għandha saħħa u barka għal taqbida ta' sena oħra kontra l-qawwiet tal-ħażen. Barra minn hekk, din il-kelma tinsab f'kuntrast qawwi ma' *praesidium*, li juri lill-Leġjun mhux aktar miġbur flimkien, iżda mferrex fit-taqsimiet differenti tiegħu, kull waħda medhija fil-qasam partikolari tad-dmir tagħha.

L-*Acies* hi l-funzjoni l-kbira u ewlenija tal-Leġjun ta' kull sena, għalhekk jeħtieg li titfisser sewwa l-importanza li kull membru jmur għaliha. L-idea fondamentali tal-Leġjun li fuqha hi mibnija kull ħaġa oħra hija dik li jaħdem f'għaqda ma' Marija, is-Sultana tiegħu, u fi spirtu ta' dipendenza minnha. L-*Acies* hi t-tifsira solenni ta' dik l-għaqda u dipendenza, it-tiġdid, individwali u kollettiv, ta' l-istqarrija leġjunarja ta' fedeltà.

**Għalhekk hu ċar li kull leġjunarju li jista' jmur għaliha, u ma jmurx, ftit jew xejn għandu spirtu leġjunarju fih. It-tisħib ta' nies bħal dawn mhuwiex ta' siwi għal-Leġjun.**

(*mill-Manwal Uffiċjali tal-Leġjun ta' Marija, p.175/176: l-Acies, ed. 2002*)





# IL-PAPIET - Seklu V

*Kitba ta' Rev. Fr. Vincent Magro MSSP*

**San Anastasju I** (399-401). Kien l-ewwel Papa tas-Seklu V. Ma tantx kellu importanza fl-istorja tal-Papiet.

**San Innoċenzju I** (401-417) dam sittax-il sena Papa. Insista ħafna fuq li l-Papa huwa veru suċċessur ta' Pietru. Kellu awtorità singolari speċjalment fejn jidħol it-tagħlim tal-Knisja.

**San Żosimu** (417-418). Ma damx wisq bħala Papa.

**San Bonifaċju** (418-422). Kellu ħafna inkwiet ma' l-Imperatur Onorju f'Ravenna. Għalkemm maħbub mir-Rumani peró kellu jħalli Ruma bħala protesta biex jevita aktar problemi.

**San Ċelestinu** (422-432). Bħala Papa kien imfaħħar minn Santu Wistin u San Ġilormu. Ħadha qatta bla ħabel kontra l-ereżija Pelaġjana li kienet tgħid: *nistgħu nsalvaw mingħajr il-Grazzja t'Alla*.

**Sistu III** (432-440). Ruma fi żmienu rat kostruzzjoni kbira.

**San Ljun il-Kbir** (440-461) kien l-aqwa Papa tas-seklu V. Ħadha kontra Attitla li kien werwer l-Ewropa kollha bil-gwerer tiegħu. Bl-intervent tiegħu, Attila kellu jerġa lura. Fl-451 sejjaħ il-Konċilju Ekumeniku ta' Kalċidonja. Ipperswada wkoll lil Ġenseriku biex ma jagħmilx ħsara lil Ruma u b'hekk salva ħafna ħajjiet ta' nies ta' Ruma.

**San Ilarju** (461-468). Kien minn Sardinja. Huwa oppona ħafna lil Arjaniżmu – ereżija li kienet tgħid li *Kristu mhux l-Iben t'Alla*. Żejjen ħafna knejjes ta' Ruma.

**San Simpliċju** (468-483). Mar tajjeb ħafna mal-Imperatur Żeno tant li neħħa l-edit ta' l-Imperatur ta' qablu Bażiliko li kien japprova l-Monofiżimu (*Kristu għandu Natura waħda*).

**San Feliċ III** (483-492). Kien armel. Ta' karattru sod u deċiż. Kien jaf jiġbed l-attenzjoni ta' kulħadd bi prudenza kbira. Anke kkorreġa lil Imperatur Żeno fl-iżball li għamel meta kien iżomm mal-Monofiżismu.

**San Ġilasju** (492-496). L-ewwel Papa li għamel enfasi dwar is-sitema temporali u spiritwali tas-suċċessur ta' Pietru.

**San Anastasju II** (496-498). Dan il-Papa kien bagħat ittra lil Imperatur ta' Kostantinopoli biex titħares l-għaqda bejn il-Lvant u l-Punent.



**Esperjenzi fis-settur tas-saħħa - serje ta' artikli (4)**

***Kitba ta' Ernest Taliana - Ex. Nursing Manager***

Inkomplu nitkellmu dwar il-marda tal-lebbra. Il-pazjent kien jiġi iżolat mis-soċjetà u l-awtorità kienu jibagħtuhom kwarantina fl-isptar Rużar Briffa ġewwa l-Ingieret. Ħadd ma kien jista' joħroġ għal xi żmien. Il-lebbra ma kienitx taf età għax anke żgħażagħ kienet tattakka. Uħud li kienu jafu li ser jinġabru, il-familjari tagħhom kienu jibagħtuhom jgħixu fil-periferiji ta' Malta bħal-Mellieħa, biex kemm jista' jkun ma jinġabrux mill-awtoritajiet. L-istigma u l-biża kienet kbira.

Pazjenti li nġabru u ddaħħlu fl-isptar Rużar Briffa, uħud kienu destinati għal għomorhom hemm. Oħrajn setgħu joħorgu skont s-severità tal-marda. L-awtorità ta' l-isptar ta' dak iż-żmien kienu kważi jibżgħu minnhom u għalhekk kienu jikkuntentawhom f'kollox. Jekk le kien ikollok revoluzzjoni sħiħa, u ġieli għamlu ħsara u kissru l-għamara tas-sala.

Il-marda tal-Lebbra ma titteħidx anke jekk taħdem jew tgħix magħhom. Kien hemm *nurses* li ħadmu 30 sena magħhom u qatt ma ġralhom xejn. Normalment din tintiret fid-demm, ġenerazzjoni iva u ġenerazzjoni le. Kien hemm waħda li kellha sebat itfal. Ħadd minnhom ma' marad.

F'Tal-Ferħa, l-pazjenti kienu jgħixu indipendenti u kulħadd fil-*flats* apparti. Kienu jsajru għalihom. Il-gvern kien itihom *allowance* fix-xahar biex jixtru l-ikel. Kull ħaga oħra kien jipprovdiha l-Gvern: mediċina, dawl, ilma etc. Il-pazjenti rġiel kellhom provduta lilhom biċċa għalqa fil-kumpless stess, biex jedhew fiha u kienu ikabbru ħafna prodotti ta' l-ikel. Kien hemm min kellu anki karozza privata u kien joħrog biha. L-ikel kien jinxtara mill-kurrier (impjegat) minn ħanut fin-Naxxar wara li kuljum jieħu l-ordni li jridu jixtru. Għal bidu kienu jmorru jixtru l-pazjenti stess bil-van tax-xogħol, imma l-istigma kienet kbira wisq u din il-proċedura waqfet. Il-Patri Kapuċċin li kien iqaddes quddiesa kuljum, meta kien ikun hemm l-Evanġelju li jirrigwarda l-lebbrużi, kien jaqbżu b'rispett lejn il-pazjenti. Il-lebbrużi kienu jirispettaw ħafna lill-impjegati u jtuhom qalbhom. Min naħa tagħna konna inkunu flessibbli magħhom u nikkuntentawhom f'kull ma kellhom bżonn sa fejn jippermetti.

**Fl-1954 ġiet iddedikata "World Leprosy Day" fl-aħħar Ħadd ta' Jannar, biex toħloq għarfien tal-marda tal-Lebbra.** (*ikompli f'paġna 7*)



**Esperjenzi fis-settur tas-saħħa - serje ta' artikli (5)**

Fiż-żmien li kont naħdem fl-Isptar San Luqa fis-snin '60 u '70, meta kont naħdem fis-sala tal-mediċina, u li s-sorjiet tal-Karità kienu huma '*in-charge*', dawn kellhom ċertu poter u dixxiplina. Niftakar darba fis-sala MMB, (Male Medical B), li kienet tal-Profs. Ganado, kien ġie fil-għodu biex jara lill-pazjenti tiegħu. Is-soru waqqfitu fil-bieb u qaltlu "Profs, ieqaf fejn int. Ma tistax tidħol għalissa għax il-fattiga qed taħsel il-kuritur tas-sala". Il-Profs. waqaf, ma qal xejn, u daħal fl-uffiċċju tas-soru fil-bidu tas-sala.

In-*Nurse* li normalment jaħdem fis-swali u li jkun imiss mal-pazjent, (mhux f'xi uffiċċju) irabbi ċertu familjarità, interess u ħbiberija f'dak li għandu x'jaqsam mal-kura. Niftakar darba fis-sala tal-mediċina kellna pazjent żgħażugħ ta' xi 30 sena, u kien daħal għal osservazzjoni b'uġiegħ f'sidru. Fil-għodu kont qed nagħtih banju u dan iż-żagħżugħ kien jittrenja għal '*bodybuilding*' u kellu dirgħajn immuskolati sew. Iċċajtajt miegħu u għidtlu li jien għandi muskoli iktar minn tiegħu. Issa jien dak iż-żmien kont irqiq. Ma kienx hemm paragun bejni u bejnu. Fit-3pm waqt il-ħin li jidħlu il-viżitaturi, dan il-pazjent intilef minn sensieħ u akkost li għamilna minn kollox biex insalvawh, dan ħalliena u mar għand il-Mulej. Tista' taħseb u timmaġina il-kaos u l-biki tal-familjari hekk kif daħlu u rawh kadavru. Filli ħaj u jidħak miegħi u filli mejjet.

Każ ieħor fl-istess sala. Pazjent anzjan, b'marda terminali, għadu f'sensieħ u jisma' kollox. Għamilnielu l-Griżma tal-morda. Fil-parlatorju, uliedu mdawwrin miegħu bdew jargumentaw ħdejh min ser jieħu dik l-għalqa jew garaxx. Lanqas jirrealiżżaw li missierhom qed jisma' kollox u moribond. Min jaf x'qal f'qalbu?

Każ ieħor kien meta kont bil-lejl fl-istess sala. Fis-2 ta' bil-lejl għamilna l-Griżma tal-morda lill-pazjent li qaleb għal-ħażin. Dak iż-żmien konna niktbu messaġġ lit-telefon *operator* u jmur kurrier bil-mutur iwassal il-messaġġ lill-qraba. X'ħin ġew xi familjari għal xi 3 ta' bil-lejl, lili u lil sieħbi tax-*shift* staqsewna mhux kif inhu missierhom iżda fejn f'dak il-ħin ta' filgħodu kmieni ser isibu nutar. Jien u sieħbi bqajna inħarsu lejn xulxin. Ma ridniex nemmnu xi smajna.

Għal ċertu nies il-flus u l-materjaliżmu huma aktar importanti mir-rispett lejn l-għeziez tagħhom.